MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 1497/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1497/05

GasanMamo Insurance Limited C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-Assikurat taghha Carmelo Attard u l-istess Carmelo Attard ID Nru. 50242M

Vs

Emanuel Mizzi

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005 fejn it-Tribunal gie mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' wiehed u disghin Lira Maltin u tmenin centezmi (Lm91.80), u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm66.80 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur iehor, Carmelo Attard, rappresentanti danni li sofrew l-atturi, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru GVN 217 fil-25 ta' Frar 2005 gewwa il-Floriana habat mal-vettura numru FAF 214 propjeta` ta' Carmelo Attard u misjuqa minn Carmelo Attard u ikkaguna danni f'din l-istess vettura u dan wara illi gie premess illi dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat, u li meta sehh l-incident il-vettura numru FAF 214 kienet assikurat taht polza ta' assikurazzjoni *comprehensive* mas-socjeta` attrici assikuratrici u saret claim, u ghalhekk l-assikurazzjoni hallset ghad-danni kollha hlief ghal l-ewwel Lm25.00, bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' notifika ta' dan l-Att u l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn jichad l-allegazzjonijiet kif vantati fil-konfront tieghu stante li ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-attur Carmelo Attard peress li hu kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u tal-Ligi, u hekk ikkawza` l-incident mertu ta' din il-kawza, u di piu`, l-konvenut zamm ferm id-drittijiet tieghu fil-konfront tal-attur Carmelo Attard, li mhux responsabbli ghal-ispejjez tal-parir li ha l-attur u ghalhekk talab illi t-talba ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet;

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri.

Ra illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2006 l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Sant'Anna l-Floriana fil-25 ta' Frar 2005 bejn vettura GVN – 217 u ohra FAF – 214.

Illi l-attur Carmelo Attard (xhieda 19.10.05) jghid illi kien qieghed fuq il-lane tan-nofs bl-indikator mixghul biex idur lejn il-H.Q. ta' l-Iscouts u l-vettura GVN – 217 kienet miexja fuq il-bus lane, mxiet fid-dritt Triq Sant'Anna, u sehhet il-kollizjoni.

Dwar l-isketch – Carmelo Attard jghid illi l-habta sehhet aktar l-isfel minn fejn huma ndikati l-vetturi – madwar tul ta' *Awla 3* aktar l'isfel. Jghid ukoll illi l-Pulizja ma sabx il-vetturi kif indikati fl-isketch.L-istess Carmelo Attard jghid illi l-kollizzjoni ma kienitx kbira pero` "mal-habta mxejna tul din l-Awla l-quddiem".

Ikkunsidra wkoll l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet lill-Pulizija wara l-incident (fol 21 tal-process), u kif ukoll l-isketch esebita – kollox konfermat  minn PS 414 bil-gurament tieghu fis-seduta tat-2 ta' Frar 2006.

Illi PS 414 jghid illi s-sewwieq tal-vettura FAF – 214 indikalu illi kien sejjer fi Triq Sant' Anna – pero` qal wkoll illi sab biss marki ma' l-art tal-Pulizija tat-Traffic minhabba kongestjoni tat-traffiku ikkawzat u l-vettura ma sabhomx kif indikati fl-isketch.

PS 414 jghid wkoll illi l-vettura GVN – 217 kienet kif indikata fuq l-isketch- igifieri "*fil-bus lane kienet minn nofs il-vettura lura*". Ikkonferma wkoll illi skond il-marki li sab ma' l-art, l-angoli tal-vetturi kienu kif indikati fl-isketch.

Ikkunsidra wkoll illi Carmelo Attard xehed propju sabiex jichad illi kien qal lill-Pulizija illi kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Sant' Anna.

Ikkunsidra illi l-konvenut Emanuel Mizzi xehed (15.05.06) illi kien qed isuq fil-lane tan-nofs, u kien bl-indikator mixghul biex idur lejn Sarria. Jispjega illi l-ewwel li ra l-vettura ta' l-attur kien "*fil-mument li kont ser naqbad indur lejn Sarria*" u li mbaghad sema` hoss u sabu fuqu. Il-konvenut cahad li qatt kien fuq il-bus lane, u qabel fis-sostanza ma' l-isketch tal-Pulizija.

Ikkunsidra ulterjorment illi t-Tribunal ghandu zewg verzjonijiet diversi kif moghtija mill-partijiet nvoluti fl-incident – pero` illi dik tal-konvenut tidher aktar verosimili u konformi ma' l-isketch tal-Pulizija u l-verzjonijiet moghtija lill-Pulizija appena gara l-incident de quo.

Mill-apprezzament kollu tal-provi kollha mressqa, it-Tribunal ihoss illi ghandhu jikkonkludi illi mhux minnu illi l-vettura GVN – 217 kienet fuq il-bus lane, u jekk is-sewwieq tal-vettura FAF – 214 ried imur fid-direzzjoni ta' l-Argotti (kif stqarr hu stess fis-16/03/06 – fol 32), allura qatt ma` messu kien fuq l-outer lane n-naha tac-centrestrip.

L-incident jidher u jirrizulta li sehh <u>biss</u> u propju ghaliex s-sewwieq tal-vettura FAF – 214 ittanta manuvra li jdawwar lejn l-Argotti appuntu meta kien forsi tard wisq. Vetturi illi jkunu gejjin mid-direzzjoni ta' Bieb il-Bombi u jridu jmorru lejn Sarria ghandhom jahsbu ferm qabel biex ikunu fil-korreggjata tan-nofs halli jduru lejn Sarria, f'triq mbaghad tant traffikuza bhal Triq Sant' Anna.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh biss tort tas-sewwieq tal-vettura FAF – 214, ossia l-attur.

Ghaldaqstant, t-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u ezamina bir-reqqa l-istess provi, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-

konvenut, jichad t-talbiet attrici, u dan peress illi l-incident mertu tal-kawza sehh biss tort ta’ l-attur Carmelo Attard.

Bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------